Nru. 17,768
Prezz Lm1.44c
Price Lm1.44c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 17 ta' Mejju, 2005
Tuesday, 17th May, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 506

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,765 ta' l-10 ta' Mejju, 2005.

A.L. Nru. 134 ta' l-2005: Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2005), Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm15,000,000 5% *Stock* tal-Gvern taa' Malta 2021 (L-Ewwel Ħruġ), *Fungibility Issue*.

A.L. Nru. 135 ta' l-2005: Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2005), Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm25,000,000 5.7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (It-Tielet Ħruġ), *Fungibility Issue*.

Is-17 ta' Mejju, 2005

Nru. 507

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar is-Sibt, l-14 ta' Mejju, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 479 tat-13 ta' Mejju, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-14 ta' Mejju, 2005
(OPM 1/2005)

GOVERNMENT NOTICES

No. 506

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,765 the 10th May, 2005.

L.N. No. 134 of 2005: Budget Measures Implementation Act, 2005 (Act No. II of 2005), Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the Issue of Lm15,000,000 5% Malta Government Stock 2021, Fungibility Issue.

L.N. No. 135 of 2005: Budget Measures Implementation Act, 2005 (Act No. II of 2005), Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the Issue of Lm25,000,000 5.7% Malta Government Stock 2012 (Third Issue), Fungibility Issue.

17th May, 2005

No. 507

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Saturday, 14th May, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 479 of the 13th May, 2005, ceased to have effect accordingly.

14th May, 2005

Nru. 508

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ħadd, il-15 ta' Mejju, 2005, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Il-15 ta' Mejju, 2005
(OPM 1/2005)

No. 508

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister of Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance with effect from Sunday, 15th May, 2005, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

15th May, 2005

Nru. 509

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta fuq parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, innomina lill-Onor. Imħallef Joseph D. Camilleri, B.A., LL.D., biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn l-14 u l-20 ta' Mejju, 2005, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef.

It-12 ta' Mejju, 2005
(MJ/207/89/VI)

No. 509

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by section 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, has designated the Hon. Mr Justice Joseph D. Camilleri, LL.D., to perform the functions of Acting Chief Justice between the 14th and the 20th May, 2005, during the absence of His Honour the Chief Justice.

12th May, 2005

Nru. 510

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond l-artikolu 3 (1) ta' l-Att ta' 2000 dwar l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-kostituzzjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-1 ta' April 2005.

Chairman
Is-Sur Joseph V. Tabone

Membri
Dott. Reuben Balzan, LL.D.
Is-Sur Anthony P. Pavia
Is-Sur Mark Portelli
Is-Sur Carmel Grima

It-12 ta' Mejju, 2005

No. 510

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

IT is notified for general information that in terms of section 3 (1) of the Malta Communications Authority Act, 2000, the Minister for Competitiveness and Communications has approved the constitution of the Malta Communications Authority for a period of three years with effect from 1st April 2005.

Chairman
Mr Joseph V. Tabone

Members
Dr Reuben Balzan, LL.D.
Mr Anthony P. Pavia
Mr Mark Portelli
Mr Carmel Grima

12th May, 2005

Nru. 511

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TAXXI INTERNI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Vincent Callus	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	9 – 12.05.2005

Is-17 ta' Mejju, 2005

No. 511

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (INLAND REVENUE)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Vincent Callus	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	9 – 12.05.2005

17th May, 2005

Nru. 512

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TAXXI INTERNI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Imbroll	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	5 – 08.05.2005

Is-17 ta' Mejju, 2005

No. 512

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (INLAND REVENUE)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Imbroll	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	5 – 08.05.2005

17th May, 2005

Nru. 513

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 513

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għall-liċenza ta' Aġenzija ta' Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard Agency

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Charles Pisani	649959 (M)	"I.Q. Security Services", No. 19, "St. Rita", Triq il-Kittien, Żabbar

Applikazzjoni għall-liċenza ta' Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Ronnie Galea	106587 (M)	"Gulmar", Triq il-Makna tas-Serrar, Msida
Ruth Marotta	107674 (M)	"White Plains", Flat 10, Triq J. Quintinus, Buġibba, San Pawl il-Baħar
Kevin Spiteri	494878 (M)	19, "Casa Spiteri", Triq Giovannni Gafà, Għargħur
Marco Marotta	102904 (L)	"White Plains", Flat 10, Triq J. Quintinus, Buġibba, San Pawl il-Baħar
Franco Buttigieg	6184 (G)	29, Vjal il-Labour, Xewkija, Għawdex

Applikazzjoni għal-liċenza ta' Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Christopher Debattista	38585 (G)	"Belvedere Court", Flat 4, Triq il-Ħamri, Għajnsielem, Għawdex
Noel Theuma	31681 (M)	9, "Dar is-Sliem", Triq il-Brolli, Birżebbuġa
Felix Galea	105687 (M)	Flat 4, Triq Ġorġ Mangion, Binja Ħarriġiet, Entratura A, Mqabba
Anthony Balzan	51451 (M)	22, "Redeemer", Triq id-Demnuq, Siġġiewi
Christian Cali	372079 (M)	Blokk B, Flat 7, Triq il-Watar, Ta' Xbiex
Steve Mifsud	88782 (M)	268, Triq San Ġiljan, Birkirkara
Dominic Zammit	291356 (M)	Blokk Ċ3, Flat 3, Triq Nerik Sant, Żebbuġ
Antoine Vella	81800 (L)	"Lexington", Triq Malta, Għajnsielem, Għawdex
Johnny Vella	147593 (M)	"Razzett", Triq Marżiena, Munxar, Għawdex
Christopher Azzopardi	134287 (M)	35, Triq il-Kappuċċini, Żabbar

Isaac Chanda	25514 (A)	"Winchester Court", Flat 2, Triq l-Istamnar, San Pawl il-Baħar
Charles Raymond Salvatore Galea	54202 (L)	13, Flat 2, Triq Sant'Anġlu, Isla
Raymond Attard	43257 (M)	48, "Ospery", Triq Raddet ir-Roti, Mosta
Joshua Micallef	460486 (M)	36, "La Colomba", Triq it-Trunċiera t-Twila, San Ġwann
Justin Camilleri	480284 (M)	9, "Famyage Buildings", Triq San Vinċenz, Ħamrun
Christian Testa	96384 (M)	12, "San Antonio", Flat 4, Triq il-Buttar, Marsascala
Roderick Borg	556682 (M)	6, "Monroy Flats", Triq il-Mazzolla, San Pawl il-Baħar
Anthony Fenech	140550 (M)	"Arcadia", Triq Għar Bittija, Dingli
Adrian Gauci	356167 (M)	114, Triq Santa Margerita, Siġġiewi

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-17 ta' Mejju, 2005

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

17th May, 2005

Nru. 514

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 514

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 300	Christopher Borg	Park Towers Supermarket Triq Psaila Santa Venera	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21 52.22 52.23	01.09.04
CD/3209/2005 Pt 46	Pamela Farrugia Wismayer	Saint Joseph Pharmacy 28, Pjazza San Ġużepp Qala, Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.32 52.33	11.02.05
CD/3209/2005 Pt 116	George Debattista	Dundee Bakery Triq il-Pitkali Attard	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15 52.24	06.04.05
CD/3209/2005 Pt 132	Anthony Galea	Gozitano Triq l-Imġarr Xewkija, Għawdex	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15	18.04.05

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 154	Darrell Bonello	Mike's Motors Triq Notabile Qormi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.1 50.3	02.05.05
CD/3209/2005 Pt 158	Rami Hamid	Niklusi 23, Triq ta' l-Għolja Siġġiewi	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	74.83	04.05.05
CD/3209/2005 Pt 159	Joseph Vella	11, Triq Monsinjur Luigi Catania Għargħur	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21	05.05.05
CD/3209/2005 Pt 160	Maria Dolores Falzon	Frequency 26, Vjal il-21 ta' Settembru Naxxar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.3	05.05.05
CD/3209/2005 Pt 163	Mario Delceppo	D-Kayos Misraħ San Leonardu Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43 52.48.13	09.05.05
CD/3209/2005 Pt 164	Claire Debono	Kiki's Triq il-Ġifen San Pawl il-Baħar	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	09.05.05
CD/3209/2005 Pt 165	Isabella Farrugia	Becca Hair Design Triq il-Ħsad Siġġiewi	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	09.05.05

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 166	Joseph Lupi	Frank Salt Real Estate Ltd 201, Tower Road c/w Creche Street Sliema	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	70	09.05.05
CD/3209/2005 Pt 167	Simon Galea	Chilli Shop H, Manor Court, Triq it-Turisti Qawra, San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	52.42 52.43 52.48.11	09.05.05
CD/3209/2005 Pt 168	Bernice Refalo	"Classic Unisex Hair Salon" Triq in-Nadur Marsascala	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	10.05.05
CD/3209/2005 Pt 169	James Sammut	All Stars 3, Triq il-Wileġ Qawra, San Pawl il-Baħar	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021 93.022	10.05.05
CD/3209/2005 Pt 170	Maria Dolores Agius	The Hobby Shop Triq Karlu Galea Victoria, Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	09.05.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Is-17 ta' Mejju, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

17th May, 2005

Nru. 515

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ
(KAP. 441)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ

SKOND id-disposizzjonijiet tar-regolament 34 (5) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika din il-lista tal-ħwienet tal-merċa li jinsabu f'San Pawl il-Baħar u Għawdex, li jistgħu jiftħu fil-Ħdud u l-festi pubbliċi bejn Mejju u Ottubru 2005. Id-Diviżjoni għall-Kummerċ iżżomm id-dritt li fil-futur tibdel il-kundizzjonijiet ta' dan il-permess skond ir-regolamenti 34 (4) u (5) tar-regolamenti hawn fuq imsemmija.

Numru ta' riferenza *Reference number*	Indirizz tal-post kummmerċjali *Address of commercial premises*
CD/3218/2005 Pt 13	Ideal Store Triq il-Knisja St Paul's Bay
CD/3218/2005 Pt 14	Kenn Marjan By the Bastion Road Victoria Gozo

Is-17 ta' Mejju, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 39

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġ u twaqqif ta' vetturi tas-sewqan huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Nhar il-Ħamis, is-26 ta' Mejju 2005, mis-6.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Mark, iż-Żebbuġa, De Warsbergh, P. Galgliardi, W. Baker, R. Caruana, tal-Lebbien, il-Lewż, Vjal it-Torri, il-Barunissa, l-Annunzjata u l-Kappillan.

Nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Lulju 2005, nhar is-Sibt, id-9 ta' Lulju 2005 u nhar il-Ħadd, l-10 ta' Lulju 2005, mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m. minn Triq Bir Miftuħ.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordnijiet ta' dan l-avviż, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-17 ta' Mejju, 2005

No. 515

TRADING LICENCES ACT
(CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

ACCORDING to the provisions of regulation 34 (5) of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing the following list of grocers located at St Paul's Bay and Gozo, which are to open during Sundays and other public holidays between May and October 2005. The Commerce Division reserves the right in future to change the conditions of this permit according to regulations 34 (4) and (5) of the above mentioned regulations.

Numru ta' riferenza *Reference number*	Indirizz tal-post kummmerċjali *Address of commercial premises*
CD/3218/2005 Pt 13	Ideal Store Triq il-Knisja St Paul's Bay
CD/3218/2005 Pt 14	Kenn Marjan By the Bastion Road Victoria Gozo

17th May, 2005

POLICE NOTICE

No. 39

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Gudja

On Thursday, 26th May 2005, from 6.00 a.m. onwards through the following streets: San Mark, iż-Żebbuġa, De Warsbergh, P. Galgliardi, W. Baker, R. Caruana, tal-Lebbien, il-Lewż, Vjal it-Torri, il-Barunissa, l-Annunzjata and il-Kappillan.

On Friday, 8th July 2005, on Saturday, 9th July 2005 and on Sunday, 10th July 2005, from 6.30 p.m. to 11.30 p.m. through Triq Bir Miftuħ.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

17th May, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 26 ta' l-2005

Tqegħid tas-Semi-Submersible Rig Saipem 7000

B'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 15 ta' l-2005 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta rigward is-suġġett imsemmi hawn fuq il-baħħara huma avżati illi s-*semi-submersible rig Saipem 7000* ġie rmunkat mill-pożizzjoni:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 47'.50	014° 30'.50

B'hekk l-Avviż lill-Baħħara Nru. 15 ta' l-2005 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta m'għadux fis-seħħ.

Irreferi għall-pożizzjoni WGS 84 DATUM.

C*hart* effettwata BA 194, 2538.

Is-17 ta' Mejju, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 26 of 2005

Lay Up of Semi-Submersible Rig Saipem 7000

With reference is made to Notice to Mariners No. 15 of 2005 of the Malta Maritime Authority regarding the above captioned subject mariners are informed that the semi-submersible rig Saipem 7000 has been towed away from position:

Latitude (N)	Longitude (E)
35° 47'.50	014° 30'.50

Hence Notice to Mariners No. 15 of 2005 of the Malta Maritime Authority is no longer in force.

Position referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected BA 194, 2538.

17th May, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Medical Laboratory Technologist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Medical Laboratory Technologist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-post ta' *Medical Laboratory Technologist* għandu salarju ta' Lm4,889 fis-sena, li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,801 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* tiġi promossa fil-grad ta' *Senior Medical Laboratory Technologist* fi Skala Nru. 10 (Lm5,507 x 175 - Lm6,557) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fil-*Medical Laboratory Science* titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 (Lm5,841 x 192 - Lm6,993) meta' tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Medical Laboratory Technologist* wara sentejn servizz fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Medical Laboratory Technologist in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Medical Laboratory Technologist in the Health Division.

2.1 The post of Medical Laboratory Technologist carries a salary of Lm4,889 per annum, rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,801 (Salary Scale 12). A Medical Laboratory Technologist will be promoted to the grade of Senior Medical Laboratory Technologist in Scale No. 10 (Lm5,507 x 175 - Lm6,557) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Medical Laboratory Technologist in possession of a recognised degree in Medical Laboratory Science will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Medical Laboratory Technologist will progress to Scale No. 9 (Lm5,841 x 192 - Lm6,993) on completion of two years service as graduate Medical Laboratory Technologist. A graduate Medical Laboratory Technologist will be promoted to Senior Medical Laboratory Technologist on completion of two years service in the grade of Medical Laboratory Technologist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits

oħra u jkunu suġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Medical Laboratory Technologist* jinkludu:

a) xogħol analitiku u ta' teknika fil-laboratorji mediċi b'mod li tkun assigurata l-ogħla kwalità fir-riżultati;

b) tħaddim sewwa u b'effiċjenza ta' strumenti u *analysers* tal-laboratorji;

ċ) l-evalwar tal-validità ta' riżultati ta' analiżi.

d) tagħmel użu mis-sistema ta' teknoloġija Informatika li tkun qed tintuża mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-job description tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Personnel,* Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Il-persuni magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fid-Diviżjoni.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(ċ) ċittadini ta' pajjizi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni*; jew

(d) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit.'*

(e) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(f) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati bħala *Medical Laboratory Scientist* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Medical Laboratory Technologist include:

a) carrying out analytical and other medical laboratory techniques in a manner that ensures the highest quality of results;

b) operating laboratory instruments and analysers properly and efficiently;

c) determining the validity of analysis results;

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Division.

6. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta; or

(b) citizens of another European Union Member State; or

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply*; or

(d) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (a), (b) and (c) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (b), (c) and (d) above is subject to their obtaining a work permit.'

(e) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(f) be in possession of a certificate of registration as Medical Laboratory Scientist with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

(g) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma addattati għal dan il-post.

(g) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Ġunju 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgha wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

*F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

Is-17 ta' Mejju, 2005

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 10th June 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

*In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

17th May, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Principal Pharmacist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Principal Pharmacist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Principal Pharmacist* għandu salarju ta' Lm7,039 li jitla' b'żidied fis-sena ta' Lm256 sa massimu ta' Lm8,575.

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Principal Pharmacist in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Principal Pharmacist in the Health Division.

2. The post of Principal Pharmacist carries a salary of Lm7,039 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,575.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. Il-Persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji u suġġetta għall-kundizzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-Persuna magħżula ma titħalliex tipprattika l-professjoni tagħha privatament.

5. Il-Persuna nominata tkun meħtieġa li tmexxi xi sezzjoni teknika tal-*Government Pharmaceutical Services* inkluż il-*Manufacturing Unit, National Formulary Management, Government clinical pharmacy services,* u *Medicines Regulatory Affairs Unit* inkluż *Inspectorate, Drug Registration* u *Pharmacovigilance.*

6. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Principal Pharmacist* jinkludu:

a) sehem f'riċerka u żvilupp kif ukoll responsabbilità speċifika għall-iżvilupp professjonali (inkluż taħriġ *in-service* u edukazzjoni) ta' l-impjegati fis-sezzjoni tagħha;

b) żamma tad-dixxiplina ta' l-impjegati fis-sezzjoni tagħha;

ċ) tħejjija ta' *policies* u *guidelines* għat-tmexxija siewja tas-sezzjoni taħt il-kariga tagħha.

d) użu mis-sistemi ta' teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-postijiet jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Personnel*, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

7). L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni*; jew

(d) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.'

(e) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

3.2. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will not be allowed the private practice of his/her profession.

5. The appointee will be required to take charge of any technical section of the Government Pharmaceutical Services including the Manufacturing Unit, National Formulary Management, Government clinical pharmacy services, and the Medicines Regulatory Affairs Unit including Inspectorate, Drug Registration and Pharmacovigilance.

6. The duties of a Principal Pharmacist include:

a) participation in research and development as well as specific responsibility for the professional development (including in-service training and education) of staff in his/her unit;

b) maintenance of discipline of staff in his/her unit;

c) preparation of policies and guidelines for the smooth running of the unit under his/her charge;

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

7. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta; or

(b) citizens of another European Union Member State; or

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply*; or

(d) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (a), (b) and (c) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (b), (c) and (d) above is subject to their obtaining a work permit.'

(e) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(f)(i) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fil-grad ta' Spiżjar Prinċipali;

JEW

(ii) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fil-grad ta' Spiżjar u għandhom mill-inqas erba' snin prattika fil-professjoni;

JEW

(iii) ikollhom il-*Warrant* li jipprattikaw bħala spiżjara f'Malta u mill-inqas ħames snin prattika fil-professjoni jew erba' snin jekk ikollhom kwalifika xierqa ta' wara l-gradwazzjoni.

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Arttikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

(f) (i) be Public Officers in the grade of Senior Pharmacist;

OR

(ii) be Public Officers in the grade of Pharmacist who have at least four years practice in the profession;

OR

(iii) be in possession of the Warrant to practise Pharmacy in Malta and with a minimum of five years practice in the profession or four years if in possession of an appropriate postgraduate qualification.

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae*, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Ġunju 2005.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati f'ċerti każi basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-242884

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagatu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

*F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

Is-17 ta' Mejju, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta'
Projects Officer (Third Country Nationals)
fid-Direttorat *Third Country Nationals*
fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjoniet għall-pożizzjoni ta' *Projects Officer (Third Country Nationals)* fid-Direttorat *Third Country Nationals,* fil-Ministeru għall- Ġustizzja u l-Intern.

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms, together with a Curriculum Vitae will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 10th June 2005.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by Posts should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

*In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

17th May, 2005

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of
Projects Officer (Third Country Nationals)
in the Third Country Nationals Directorate
within the Ministry for Justice and Home Affairs

The Public Service Commission invites applications to fill the position of Projects Officer (Third Country Nationals) within the Third Country Nationals Directorate in the Ministry for Justice and Home Affairs.

2.1. Il-persuna magħżula għandha tidħol f'kuntratt għal tliet snin bħala *Projects Officer (Third Country Nationals)* fid-Direttorat *Third Country Nationals* fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' sena, jekk il-persuna tkun qdiet dmirha tajjeb u r-riżultati li tikseb ikunu sodisfaċenti. F' każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Projects Officer (Third Country Nationals)* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-ħatra sustantiva tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal din il-ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew impjegata fis-Settur Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jiġi mitmum.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew impjegata fis-Settur Pubbliku ta' Malta u, matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-minimu ta' Skala 9 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta jew, fil-każ ta' impjegat tas-Settur Pubbliku Malti, f'ħatra li jkollha salarju bażiku ogħla minn Lm5,841 (fl-2005), hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Projects Officer (Third Country Nationals)* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-ħatra l-ġdida tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-minimu ta' Skala 9 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta jew, fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku ta' Malta, ogħla minn Lm5,841 (fl-2005) permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

2.4. Kandidati li jgħaddu u li mhumiex diġà Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew impjegati tas-Settur Pubbliku ta' Malta jiġu kkunsidrati biss jekk, waqt il-proċess ta' għażla, ma jinstabux biżżejjed Uffiċjali Pubbliċi mis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew impjegati mis-Settur Pubbliku ta' Malta tajbin biex jimlew il-vakanzi.

2.5. Applikazzjonijiet mingħand Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew mingħand impjegati fis-Settur Pubbliku ta' Malta għandhom ikunu approvati mill-Kap tad-Dipartiment/Entità kkonċernati, li min-naħa tiegħu/tagħha għandu/għandha j/tiċċertifika li ma jkunx hemm bżonn ta' sostitut għall-applikant/a f'każ li jintgħażel/tintgħażel.

2.6. F'każ li l-persuna magħżula tkun impjegata tas-Settur Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-ħatra sustantiva tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal din il-ħatra sustantiva

2.1. The selected applicant will be expected to enter into a three-year performance contract as Projects Officer (Third Country Nationals) in the Third Country Nationals Directorate, within the Ministry for Justice and Home Affairs, which may be renewed thereafter for further periods of one year subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Projects Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive appointment during the contractual period and will revert to his/her substantive appointment on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service or an employee in the Maltese Public Sector, his/her service with the Third Country Nationals Directorate in the Ministry for Justice and Home Affairs, as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that their contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service or an employee in the Public Sector of Malta and, during the contract period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than the minimum of Scale 9 of the Malta Public Service or, in the case of a Malta Public Sector employee, to an appointment carrying a basic salary above Lm5,841 (in 2005), he/she will be required to relinquish the duties of Projects Officer (Third Country Nationals) and be transferred to duties pertinent to his/her new substantive appointment. Moreover, if the substantive basic salary of the selected officer becomes higher than the minimum of Salary Scale 9 of the Malta Public Service through progression, or higher than Lm5,841 (in 2005) in the case of an employee in the Malta Public Sector, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

2.4. Successful candidates who are not already Public Officers in the Malta Public Service or employees in the Maltese Public Sector will only be considered if not enough suitable Public Officers in the Malta Public Service or employees in the Maltese Public Sector are found suitable to fill existing vacancies.

2.5. Applications from Public Officers in the Malta Public Service or employees in the Maltese Public Sector must be submitted through the Head of Department/Entity concerned who will certify that in case of release no replacement would be required.

2.6. If a selected applicant is an employee in the Public Sector of Malta, he/she will retain hisċher substantive appointment during the contractual period and will revert to

fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew is-Settur Pubbliku ta' Malta meta l-kuntratt jintemm, u tkun ikkunsidrata bħala fuq *unpaid leave* ma' l-Entità rispettiva matul il-perjodu li hi tkun *deployed* b'kuntratt mad-Direttorat *Third Country Nationals*.

2.7. Fil-każ li persuna magħżula tkun impjegata b'kuntratt mas-Settur Pubbliku ta' Malta, l-istess kuntratt jiġi sospiż matul il-perjodu ta' *deployment* mad-Direttorat *Third Country Nationals*.

2.8. Jekk il-persuna magħżula tkun impjegata fis-Settur Pubbliku Malti, u l-applikazzjoni tagħha tkun ġiet approvata mill-Kap ta' l-Entità tagħha skond paragrafu 2.5, hija tibqa' tgawdi mis-*seniority* jew drittijiet ta' promozzjoni li għandha bħalissa fl-organizzazzjoni tagħha.

3. Persuni fil-pożizzjoni ta' *Projects Officer (Third Country Nationals)* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern ikollhom salarju ekwivalenti għall-minimu ta' Skala 9 (bħalissa Lm5,841 fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew impjegat fis-Settur Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħha u s-salarju dovut għal din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Projects Officer (Third Country Nationals)* tirrapporta direttament lid-Direttur, *(Third Country Nationals)*. Id-dmirijiet ewlenin ta' din il-pożizzjoni huma:

(a) tgħin lid-Direttur (TCN) f'xogħol relatat mal-Fond Ewropew dwar ir-Rifuġjati u programmi oħra Ewropej relatati li jkunu mnedija minn żmien għal żmien, b'mod partikulari l-applikazzjonijiet u b'mod ġenerali t-twettiq tal-programm, skond il-ħtieġa;

(b) il-promozzjoni, fost setturi interessati ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea rigward l-asil u/jew moviment ta' nies;

(ċ) issegwi l-ħarsien ta' l-obbligi tal-kuntratti mal-benefiċjarji fuq proġetti li jirrigwardaw azzjonijiet tal-programmi dwar l-asil jew moviment ta' persuni;

(d) tattendi laqgħat fi Brussel, bħal Kumitat dwar il-Fond Ewropew dwar ir-Rifuġjati jew laqgħat ta' l-esperti in konnessjoni mad-Direttiva ta' Dublin u laqgħat oħra skond il-ħtieġa;

(e) iż-żamma ta' *files* u korrispondenza li għandhom x' jaqsmu ma' l-azzjonijiet ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea fil-qasam ta' l-asil u l-moviment ta' persuni;

his/her substantive appointment on the termination of the contract and will be considered as on unpaid leave from the Parent Entity during the period he¢she is deployed with the Third Country Nationals Directorate on a contract basis.

2.7. If a selected candidate is an employee in the Maltese Public Sector and is currently on a definite contract, this contract will be suspended for the duration of his/her deployment with the Third Country Nationals Directorate.

2.8. If a selected applicant is an employee in the Maltese Public Sector and his/her application has been endorsed by the Head of his/her Entity in terms of paragraph 2.5 above, he/she will retain, during the contract period with the Third Country Nationals Directorate, all seniority and promotion rights enjoyed in his/her organisation.

3. The position of Projects Officer (Third Country Nationals) in the Ministry for Justice and Home Affairs attracts a salary equivalent to the minimum point of Salary Scale 9 (currently Lm5,841 per annum). In the case that the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service or an employee in the Maltese Public Sector, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade or his/her employment terms with the organisation and the salary of this position, will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The Projects Officer (Third Country Nationals) reports directly to the Director Third Country Nationals. The main duties of this position are:

(a) assisting the Director (TCN) with work related to the European Refugee Fund and other related EU programmes that are launched from time to time, in particular calls for applications and in general, matters in connection with the implementation of projects, as required;

(b) promotion of European Union funded programmes relating to migration and/or asylum to potential participants;

(c) monitoring the contracts of beneficiaries concerning joint actions in the area of asylum and/or migration;

(d) attend Committee meetings in Brussels, in particular those related to the European Refugee Fund and Dublin Directive and related others as required;

(e) keeping of files and correspondence related to EU co-funded actions concerning the area of asylum and migration;

(f) iżomm kuntatt mill-qrib ma' *Projects Officers* oħrajn f'azzjonijiet ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea dwar l-asil jew il-moviment ħieles ta' persuni;

(ġ) tagħmel riċerka u tikteb rapporti fi żmien limitat dwar l-asil jew il-moviment ħieles ta' persuni;

(ħ) taħdem fuq każijiet li jitolbu evalwazzjoni ta' diversi talbiet minn persuni li jkunu qed ifittxu l-asil u tagħmel kuntatt mill-qrib ma' dawk kollha nvoluti fil-proċess biex jiġi stabbilit l-I*status* ta' Rifuġjat;

(i) iżomm kuntatt mill-qrib ma' diversi għaqdiet internazzjonali (bħall-UNHCR, C.P.T., Amnesty International, FIDH) fit-tħejijja ta' tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħhom dwar il-moviment ta' persuni u l-asil.

5.1. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Maltan; jew

(b) ċittadini ta' Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(ċ) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw il-provizjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni. (F'każ ta' diffikulta dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-provizjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(d) ikunu l-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta', jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f' (a), (b) u (ċ) imsemmija hawn fuq u li huma residenti f'Malta;

(e) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

(f) ikollhom Grad mill-Università relatat ma' din is-sejħa. L-applikanti li joffru wieħed jew iżjed min dawn is-suġġetti bħala l-qasam ewlieni ta' studju: l-iStudji Legali, l-iStudji Soċjali, il-Psikoloġija l-Istudji Ewropej jew ir-Relazzjonijiet Internazzjonali jingħataw preferenza.

(ġ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji);

(ħ) ikunu kapaċi jaħdmu kemm f'tim kif ukoll waħedhom u preferibbilment juru ħila fil-*Project Management*.

5.2. L-eliġibbiltà tal-kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu permess tax-xogħol.

5.3. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li:

(a) jafu jużaw tajjeb il-kompjuter;

(b) għandhom esperjenza f'xogħol amministrattiv, u finanzjarju;

(f) liaise with other Project Officers and responsible authorities in actions co-funded by the European Union particularly relating to the area of asylum and migration;

(g) conduct research and draft reports related to the area of asylum and migration, within very tight deadlines;

(h) deal with case work that may require evaluation of various specific requests made by asylum seekers and liaise with all stakeholders involved in the Status Determination process;

(i) liaise with various international organisations (such as UNHCR, C.P.T., Amnesty International, FIDH) in dealing with enquiries and submitting replies related to migration and asylum.

5.1. The applicants must be:

(a) citizens of Malta; or

(b) citizens of another European Union Member State; or

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply. (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(d) the spouse of, and children under 21 years of age of, or who depend on, any person who is mentioned at (a), (b) and (c) above and who resides in Malta;

(e) able to communicate in the Maltese and English languages;

(f) in possession of a University degree related to this call for applications. Applicants offering any of the following subjects, as their main area of study, would be given preference: Legal Studies, Social Studies, Psychology, European Studies or International Relations;

(g) of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or a competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in the Malta Government Service, giving details);

(h) able to work in a team and on own initiative and preferably have Project Management skills.

5.2. The eligibility of candidates referred to at (b), (c) and (d) above subject to their obtaining a work permit.

5.3. Due consideration will be given to applicants who:

(a) are computer literate;

(b) are experienced in administrative, and financial work;

(ċ) huma kapaċi jikkomunikaw tajjeb b'mod speċjali bil-miktub, u li jafu jqassmu x-xogħol *(scheduling);*

(d) għandhom għarfien tajjeb f'lingwa oħra ta' l-UE, (barra l-lingwa Ingliża); kwalifika fil-Lingwa Franċiża jew dik Għarbija tkun ta' vantaġġ;

(e) għandhom esperjenza ta' ħidma fuq proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea.

(c) are able to communicate well especially in writing and competent in scheduling tasks;

(d) are proficient in a language of the EU (other than the English Language); a qualification in the French or Arabic language would be considered an asset;

(e) have work experience in EU funded projects.

6. L-applikanti magħżula għandhom ikunu lesti li jsiefru fuq xogħol.

6. The selected applicants must be willing to travel abroad.

7. L-ingaġġ ikun fuq bażi ta' ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol.

7. The engagement shall be based on a 40-hour week.

8. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to NCPD.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Justice and Home Affairs.

9.3. Tiġi ppubblikata notifika dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.3. A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10.1 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultati.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10.1 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni;

10. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for

dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11. Il-persuni magħżula ikunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

12. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* li wieħed jista' jara billi jidħol fil-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, 'House of Catalunya', Triq Marsamxett, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Ġunju, 2005.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati tad-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, 'House of Catalunya', Triq Marsamxett, Valletta.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa + 21245392).

16. (i) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern għal kull applikazzjoni li titwassal id-Dipartiment.

(ii) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern.

Is-17 ta' Mejju, 2005

verification at the interview).

11. The selected applicants may be medically examined to ascertain that they are fit for the positions.

12. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code which is accessible from the Management and Personnel Office website at address: http://www.mpo.gov.mt.

13. Applications in the applicant's own handwriting, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Human Resources Section, Corporate Services Directorate, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta, by not later than noon of Friday, 10th June, 2005.

14. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Section, Corporate Services Directorate, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is +356 21245392).

16. (i)Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Assistant Director, Human Resources Section, Corporate Services Directorate, Ministry for Justice and Home Affairs, Valletta and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(ii) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services within seven (7) days.

17th May, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Case Worker* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern biex jaqdu funzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-mili ta' pożizzjonijiet ta' *Case Worker* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati.

2.1 Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Case Worker* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Refuġjati, liema kuntratt jista' jiġġedded għall-perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Case Worker* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, huma jżommu l-ħatra sustantiva tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għal din il-ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew is-Settur Pubbliku ta' Malta meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew impjegati fis-Settur Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħhom mal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew impjegati fis-Settur Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-massimu ta' skala 10 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta jew, fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku, f'ħatra li jkollha salarju bażiku ogħla minn Lm6,557 (fl-2005), huma jkunu meħtieġa li jirrinunzjaw d-doveri ta' *Case Worker* u jkunu trasferiti għad-doveri relatati mal-ħatra l-ġdida tagħhom. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 10 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta jew, fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku ta' Malta, ogħla minn Lm6,557 (fl-2005) permezz ta' *progression,* il-persuni jithallew ikomplu l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħhom kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma jiġux offruti tiġdid tal-kuntratt.

2.4 Kandidati li jgħaddu u li mhumiex diġà Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew impjegati tas-Settur Pubbliku ta' Malta jiġu kkunsidrati biss jekk, waqt il-proċess ta' għażla ma jinstabux biżżejjed Uffiċjali Pubbliċi mis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew impjegati mis-Settur Pubbliku ta' Malta tajbin biex jimlew il-vakanzi.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Case Worker in the Ministry for Justice and Home Affairs to perform duties at the Office of the Commissioner for Refugees

The Public Service Commission of Malta invites applications for the positions of Case Worker in the Ministry for Justice and Home Affairs to perform duties at the Office of the Commissioner for Refugees.

2.1 The selected candidates will be expected initially to enter into a three-year performance contract as Case Worker in the Ministry for Justice and Home Affairs to perform duties at the Office of the Commissioner for Refugees, which may be renewed thereafter for further three-year periods subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Case Worker during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive appointment during the contractual period and will revert to his/her substantive appointment on the termination of the contract. If the appointee is not a Public Officer in the Malta Public Service or an employee in the Maltese Public Sector, his/her service with the Ministry for Justice and Home Affairs as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service or an employee in the Public Sector of Malta and, during the contract period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than the maximum of Scale 10 of the Malta Public Service or, in the case of a Malta Public Sector employee, to an appointment carrying a basic salary above Lm6,557 (in 2005), he/she will be required to relinquish the duties of Case Worker and be transferred to duties pertinent to hisċher new substantive appointment. Moreover, if the substantive basic salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 10 of the Malta Public Service through progression, or higher than Lm6,557 (in 2005) in the case of an employee in the Malta Public Sector, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

2.4 Successful candidates who are not already Public Officers in the Malta Public Service or employees in the Maltese Public Sector will only be considered if not enough suitable Public Officers in the Malta Public Service or employees in the Maltese Public Sector are found suitable to fill existing vacancies.

2.5 Applikazzjonijiet mingħand Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew mingħand impjegati fis-Settur Pubbliku ta' Malta għandhom ikunu approvati mill-Kap tad-Dipartiment/Entità kkonċernati, li min-naħa tiegħu/tagħha għandu/għandha j/tiċċertifika li ma jkunx hemm bżonn ta' sostitut għall-applikant/a f'każ li jintgħażel/tintgħażel.

2.5 Applications from Public Officers in the Malta Public Service or employees in the Maltese Public Sector must be submitted through the Head of Department/Entity concerned who will certify that in case of release no replacement would be required.

2.6 F'każ li persuna magħżula tkun impjegata tas-Settur Pubbliku ta' Malta, hi żżomm il-ħatra sustantiva tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal din il-ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta meta jintemm il-kuntratt, u tkun ikkunsidrata bħala fuq *unpaid leave* ma' l-entità rispettiva matul il-perjodu li hi tkun taħdem b'kuntratt ma' l-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati.

2.6 If a selected applicant is an employee in the Public Sector of Malta, he/she will retain his/her substantive appointment during the contractual period and will revert to his/her substantive appointment on the termination of the contract, and will be considered as on unpaid leave from the parent entity during the period he/she is deployed with the Office of the Commissioner for Refugees on a contract basis.

2.7 Fil-każ li l-persuna magħżula tkun impjegata b'kuntratt fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-istess kuntratt jiġi sospiż matul il-perjodu ta' ingaġġ ma' l-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati.

2.7 If a selected candidate is an employee of the Maltese Public Sector and is currently on a definite contract, this contract will be suspended for the duration of his/her deployment to with the Office of the Commissioner for Refugees.

2.8 Jekk il-persuna magħżula tkun impjegata fis-Settur Pubbliku ta' Malta, u l-applikazzjoni tiegħu/tagħha tkun ġiet approvata mill-Kap ta' l-Entità tagħha skond paragrafu 2.5 ta' hawn fuq, hija tibqa' tgawdi mis-*seniority* jew drittijiet ta' promozzjoni li għandha bħalissa fl-organizzazzjoni tagħha.

2.8 If a selected applicant is an employee of the Maltese Public Sector and his/her application has been endorsed by the Head of his/her Entity in terms of paragraph 2.5 above, he/she will retain, during the contract period with the Office for the Commissioner for Refugees, all seniority and promotion rights enjoyed by his/her organisation.

3. Persuni fil-pożizzjoni ta' *Case Worker* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern ikollhom salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 10 (bħalissa Lm6,557 fis-sena). F'każ li l-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jew impjegati fis-Settur Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħhom u s-salarju dovut għal din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3 The position of Case Worker in the Ministry for Justice and Home Affairs attracts a salary equivalent to the maximum point of Salary Scale 10 (currently Lm6,557 per annum). In the case that a selected candidate is a Public Officer in the Malta Public Service or an employee in the Maltese Public Sector, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade or his/her employment terms with the organisation and the salary of this position, will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 Id-dmirijiet ta' persuni fil-pożizzjoni ta' *Case Worker* jinkludu:

a) mili ta' formoli ta' applikazzjoni;
b) intervisti lill-persuni li qed jitolbu stat ta' asil;
ċ) twettiq ta' riċerki u evalwazzjoni neċessarja;
d) qadi ta' dmirijiet oħra fl-uffiċċju skond il-bżonn bħaż-żamma ta' *records, data* u statistika ta' l-applikanti għall-asil.

4.1 The duties of a Case Worker include:

a) filling applications forms;
b) interviewing asylum seekers;
c) executing the necessary research and evaluation;
d) assisting in other office duties such as maintaining updated records, data and statistics in respect of asylum seekers.

4.2 Il-persuni magħżula jistgħu jintalbu jaħdmu sigħat flessibbli skond l-esiġenzi ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati.

4.2 Selected applicants may have to be flexible in their time-table according to the exigencies of the Office of the Commissioner for Refugees.

4.3 Il-persuni magħżula jistgħu jkunu meħtieġa jattendu perjodu qasir ta' taħriġ fuq materji ta' asil.

4.3 Selected applicants will be required to undergo a short period of training in asylum matters.

5.1 L-applikanti għandhom:-

5.1 Applicants for the position must:

a) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

b) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

ċ) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (F'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

d) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta', jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

e) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

f) ikunu persuni li għandhom dispożizzjoni matura lejn nies li qed jitolbu asil;

g) ikollhom *first degree* rikonoxxuta preferibbilment fl-Istudji Legali, Psikoloġija jew Studji f'Relazzjonijiet Internazzjonali;

ħ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record Form;* applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienux impjegati tal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu permess tax-xogħol.

5.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li:

a) jkollhom għarfien tajjeb tal-kunċett dwar ir-rifuġjati;

b) huma lesti li jiltaqgħu u jaħdmu ma' persuni ta' nazzjonalitajiet u kulturi differenti (u jafu bil-ħtieġa li tiġi evitata distinzjoni jew preferenzi kulturali);

ċ) għandhom kapaċità ta' komunikazzjoni ma' ħaddieħor;

d) għandhom ħila fl-użu tal-*computers;*

e) huma kapaċi jaħdmu taħt pressjoni;

f) iħobbu jaħdmu f'*team*; u

g) jafu jitkellmu bl-Għarbi u/jew bil-Franċiż.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-assenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza

a) be citizens of Malta; or

b) be citizens of another European Union Member State; or

c) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

d)be the spouse of, and children under 21 years of age of, or who depend on, any person who is mentioned at (a), (b) and (c) above and who resides in Malta.

e) be able to communicate in the Maltese and English languages;

f) be persons who demonstrate a mature disposition toward asylum seekers;

g) be in possession of a recognised first degree preferably in Legal Studies, Psychology or International Relations;

h) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 The eligibility of candidates referred to at (b), (c) and (d) above is subject to their obtaining a work permit.

5.3 Due consideration will be given to applicants who:

a) have a good understanding of the refugee concept;

b) are motivated to meet and work with people of different nationalities and cultures (and are aware of the need to avoid cultural distinctions or preferences);

c) have good interpersonal and communication skills;

d) are computer literate;

e) are able to work well under pressure;

f) like to work in a team; and

g) are fluent in Arabic and/or French languages.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence

dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġonevoli mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Bord ta' Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

7.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

7.3 Tiġi ppubblikata notifika dwar ir-riżultat ta' l-intervisti kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-medja lokali.

7.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10.1 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultati.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuni jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* li wieħed jista' jara billi jidħol fuq il-*website* tal-*MPO* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Ġunju 2005.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to NCPD.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Justice and Home Affairs.

7.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt A press notice will also be issued to all local media organizations.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10.1 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9. The selected candidates will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

10. On engagement, the selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address:- http://www.mpo.gov.mt.

11. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director, Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 10th June 2005.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02.

